


Il-Prim Ministru jindirizza l-konferenza dwar il-vot tal-Irlandiżi fuq it-Trattat ta' Liżbona li kienet organizzata mill-MEUSAC (Ritratt: Michael Ellul)

IR-REFERENDUM FL-IRLANDA DWAR IT-TRATTAT TA' LIŻBONA

# Pass importanti għall-Ewropa u għal Malta

L-għażla li għadha kif għamlet l-Irlanda għandha tifsira kbira. Kienet għażla tajba għall-Irlanda, iżda għażla tajba wkoll għall-Ewropa u għal Malta.

Waqt konferenza dwar il-vot tal-Irlandiżi dwar it-Trattat ta' Liżbona li kienet organizzata mill-MEUSAC il-Prim Ministru Lawrence Gonzi faħħar dan il-pass u spjega it-tliet raġunijiet prinċipali għaliex dan it-trattat hu tajjeb għal pajjiżna.

L-ewwel għax se jkollna sitt siġġijiet flok ħamsa fil-Parlament Ewropew, it-tieni għax se jingħata rwol ferm akbar lill-Parlamenti Nazzjonali biex deċiżjoni li ssir fuq livell Ewropew tittieħed aktar viċin l-individwu u t-tielet għax Malta se żżomm Kummissarju fil-Kummissjoni Ewropea bħal Stati Membri oħra li huma ħafna akbar minnha.

Lawrence Gonzi qal li għalina, il-Maltin, it-Trattat mhux biss se jagħmel l-UE aktar effettiva iżda se jsaħħaħ il-vuċi Maltija fi ħdan sistema aktar effettiva. Jiġifieri jaqblilna doppjament, jaqbel liċ-ċittadin Malti.

Il-Prim Ministru kompla li dan it-trattat ikompli jsaħħaħ l-istabbiltà, l-integrità u s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea.

Tkellem ukoll il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin Tonio Borg li tkellem dwar kif it-trattat ta' Liżbona għandu jissimplifika il-mod kif taħdem l-Unjoni Ewropea billi jnaqqas il-burokrazija. Dan fid-dawl tal-fatt li numru ta' proċessi, bħall-bdil tal-Presidenza kull sitt xhur, joħolqu ċerta konfużjoni.

Tonio Borg qal li hu favur li jissaħħaħ il-Parlament Ewropew, sakemm dan jibqa' jieħu d-deċiżjonijiet konġunti mal-Kummissjoni Ewropea, fejn Malta hi rappreżentata daqs kull pajjiż membru ieħor.

Il-Viċi Prim Ministru qal li t-trattat ta' Liżbona se jagħmilha iktar faċli biex jitjiebu r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadin u biex l-Unjoni Ewropea tkun iktar kapaċi tassorbi membri ġodda.

Intervista mal-Prim Ministru

Nhar il-Ħadd 11 ta' Ottubru fil-11 am fl-Uffiċċju PN Żurrieq

Jintervista l-Prim Ministru l-gurnalist tal-PBS, Keith Demicoli

FIX-XOGĦOL IS-SIGURTÀ

www.pn.org.mt




